**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 9 ta' Lulju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**MASSIMO ZAMMIT**
**JOSHUA MOSES OHAYON**

**Kump Nru. 1165/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Massimo Zammit** detentur tal-karta tal-identita numru 22587M **u Joshua Moses Ohayon** detentur tal-karta tal-identita numru 198386M gew akkuzati talli:

1. Nhar il-31 ta' Lulju 2011 fi Triq Gdida fi Triq it-Tieni Hal Mula Zebbug Malta, ghall-hin tan-00:30hrs, minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu f'periklu car il-hajja ta' Crispin Grima ikkagunajtu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Crispin Grima hekk kif iccertifika Dr. Valerio Vella Catalano Med. Reg. No.1931 mic-centru tas-sahha tal-Furjana.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunajtu offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Elizabeth Jane Grima hekk kif iccertifika Dr. David Fenech Med. Reg. No.2555 mic-centru tas-sahha tal-Furjana.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 ta’ Dicembru 2012 (ara *folio* 86) u l-kunsens tal-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 103)

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

**Dr. Valerio Vella Catalano xehed nhar il- 29 ta' Frar 2012 (a fol. 19)** u dan ikkonferma li huwa kien ezamina lil Crispin Grima gewwa il-polyclinic tal-Furjana fil-31 ta' Lulju 2011 u ccertifika li kellhu ferita Lacero Contused wound circa zewg centimetri twila fuq in-naha tal-lemin taz-Zygoma tal-wicc u Lacero Contused wound taht il-bordura tal-ghajn fuq in-naha tal-lemin. Kellu wkoll Lacero contused wound fuq in-naha tax-xellug tal-imnieher circa centimetru twil u nefha u ugiegh fuq in-naha tax-xellug temporali tar-ras. Kellhu Lacero Contused wound zghira fuq in-naha tax-xellug tar-ras. Peress li xi feriti kienu fuq wiccu, in-natura tal-griehi kienet gravi.

**Dr. David Fenech xehed nhar il-29 ta' Frar 2012 (a fol. 23)** u dan ikkonferma li huwa kien ezamina lil Elizabeth Jane Grima gewwa l-polyclinic tal-Furjana fil-31 ta' Lulju 2011. Ccertifika li kellha grif u nefha fl-imnieher, hmura, grif u nefha fuq l-ghajn tax-xellug, fix-xoffa ta' fuq minn gewwa u hmura fil-hanek ta' fuq in-naha tax-xellug. Dawn gew indikati li kienu feriti ta' natura hafifa.

**WPS139 Chantelle Casha xehedet nhar il- 29 ta' Frar 2012 (a fol. 26)** u sostniet li fil-31 ta' Lulju 2011 il-pulizija gew infurmati li nqala argument fi Triq Gdida fi Triq Hal-Mula, Haz-Zebbug. Hija flimkien ma kollegi marru fuq il-post fejn x'hin waslu diga kien hemm xi nies tal-iskwadra mobbli kif wkoll xi CID li bdew jikkontrollaw il-kaz.

Tkompli billi tghid li l-panic inqala' fuq parking fejn kien hemm il-karozza ta' Crispin Grima qed timblokka karozza ta' wiehed mill-akkuzati. Tkompli billi tghid li l-verzjonijiet li taw kienu differenti u kkonfermat li inhargu wkoll charges fil-konfront ta' Crispin Grima fuq l-istess kaz.

**Crispin Grima xehed fil- 25 ta' Gunju 2012 (a fol. 56)** fejn stqarr li ghal-11:30pm huwa pparkja il-vann tieghu fin-nofs tat-triq fejn joqghod hu gewwa Haz-Zebbug ghaliex kien hemm karozza pparkjata li mhux tal-lokali li joqghodu hemmhekk. Sostna li hu qal li peress li l-karoza mhux tal-lokal u ser jitlaq, u ghalhekk ssopona li l-persuna imbaghad tmur thabbatlu l-bieb u johrog sabiex iressaq il-karozza u jipparkja hu. Ghal-12:00 waslu Massimo u Joshua l-imputati li x-xhud sostna qatt ma kellu xi jghid maghhom qabel.

Ddikjara li Massimo beda jqodd il-horn u harget Elizabeth Jane Grima u qaltlu “ghatih cans ghax qieghed fuq is-sufan gej”. Sakemm hareg ix-xhud sostna li sema’ d-dagha u diskors bhal “ejja kurnut ghax jiena mhux kurnut tieghek noqghod nistennik” u ghalhekk x-xhud qal li ma kienx ser isuqlu. Sostna li zviluppa argument u qala daqqa ta' ponn min wiehed mill-akkuzati pero sostna li t-tnejn daru ghalih.

F'dan il-punt sostna li huwa malli ra hekk, huwa kompla wkoll. Crispin Grima sostna li huwa ta' l-ewwel daqqa ta' ponn pero fuq il-karozza tieghu propju fuq il-bonnet.

**Xehedet Elizabeth Jane Grima fil-25 ta' Gunju 2012 (a fol. 61)** fejn ddikjarat li fil-31 ta' Lulju 2011 il-karozza tar-ragel Crispin Grima kienet pprakjata fin-nofs u hija mil-persjani rat dawl fit-triq u dahlet karozza fit-triq tpaqpaq il-horn. Hija

harget barra u sostniet li Massimo Zammit qalilha “ejja ressaq ghax ghandi l-post merfuh”. Spjegat li fit-triq fejn toqghod, meta jaraw li karozza mhux t'hemm, jipparkjaw fin-nofs tat-triq biex dak li jkun tressaqlu u tidhol minfloku. Kkonfermat li l-karozza tar-ragel ma kinitx pparkjata tajjeb pero qalet li ghalhekk qaghdet fil-persjani tissorvelja. Kif hareg r-ragel sostniet li Massimo Zammit tkellem b'mod dispregjattiv fil-konfront ta' Crispin Grima u ghalhekk Grima sostna li mhux ser jersaqlu. F'dal punt sbroffat il-glieda.

Ix-Xhud tirrileva li ma tiftakarx min ta' l-ewwel daqqa pero stqarret li lir-ragel qabduh u rassewh ma’ karozza ohra fil-vicin tant li ghamlulha ghafsa. Kompliet biex tghid li  wiehed mill-akkuzati refa idejh wkoll fuq wiccha u dehrilha li kien wkoll Massimo Zammit.

**Tixhed Charlene Farrugia fil-25 ta' Gunju 2012 (a fol. 66)** fejn sostniet li fil-31 ta' Lulju 2011 hija kienet fil-karozza taghha mal-partner Massimo Zammit, Joshua Ohayon,  Charlene Micallef u t-tarbija tax-xhud u meta waslu fuq il-post Crispin Grima hareg mid-dar f'paniku shih jghajjat, jaqbez u jsabbat u qaghad jhedded lill-imputati. Stqarret li hemmhekk zviluppa kaos kbir u hija kienet mbezza kemm ghaliha kif wkoll ghat-tarbija taghha u l-ohrajn minhabba l-agir ta' Grima li filfatt sostniet li kisrilha l-mutur tat-tieqa tal-karozza pero din indunat biss bid-dannu l-ghada tal-incident. Hija ma ratx daqqiet ta' ponn jew glied per se izda aktar kien sitwazzjoni ta' hafna idejn itiru sabiex iwaqqfu lil-Crispin Grima pero ma ratx daqqiet diretti jinghataw u ma tafx kif Grima sofra il-griehi li sofra fuq wiccu mill-incident.

**Charlene Micallef fil- 25 ta' Gunju 2012 (a fol. 70)** xehedet fejn kkonfermat li l-karozza li kienet qeghda tigi mblokkata u li kienet pparkjata b'mod konformi mal-ligi kienet taghha u hija kienet hierga minn hemm flimkien mal-akkuzat Joshua Ohayon. Ddikjarat li l-karozza li waslu biha kienet qed tigi misjuqa minn Charlene Farrugia. Hija sostniet li meta hareg mid-dar tieghu Crispin Grima kien aggressiv maghhom, jimbotta kemm lil-imputati kif wkoll lit-tfajliet. Stqarret li rat daqqa fuq wicc Crispin Grima wara t-taqliba.

Kompliet biex tghid li Grima kisser wkoll it-tieqa tal-karozza ta' Charlene Farrugia u Crispin Grima fost hafna dagha oxxen qal “hawnhekk il-parking ta'

quddiem id-dar tieghi, x'jigifieri tipparkjaw hawn”.

**Elizabeth Jane Grima fil-17 ta' Jannar 2017** (a fol. 107) in kontroezami tixhed u tikkkonferma li r-ragel taghha tkellem hazin wkoll fil-konfront tal-imputati pero dan wara li huma bdew jghajjtu. Kkonfermat wkoll li l-vettura kienet ilha pparkjata hemmhekk mill-inqas saghtejn. Kkonfermat li hija nfarget minn imnehirha u xufftejha ntefhu pero ma tiftakarx jekk id-daqqa li qalet kienitx ta' Massimo Zammit jew Joshua Ohayon.

**Xehed in kontroezami Krispin Grima fis-17 ta' Jannar 2017** (a fol. 132) u stqarr li huwa jixrob b'mod regolari madwar zewg drinks jew flixkun inbid kuljum. Kkonferma li seta kien li xorob flixkun inbid anke fil-gurnata tal-incident. Sostna li ma kienx hu li cempel lil-pulizija minkejja li mar maghhom l-ghassa wara l-incident minn jeddu. Ddikjara li l-mara ma ndunatx bil-griehi immedjatament u lanqas ma nduna hu mal-wasla tieghu mill-polyclinic izda kien biss li nnotat il-mara u marret taghmel rapport.

**Xehed l-imputat Massimo Zammit fil-20 ta' Gunju 2017 (a fol. 149)** u kkonferma li huwa kien hareg jiekol ma’ Charlene Farrugia, Charlene Micallef, Joshua Ohayon u t-tarbija tieghu u ta' Farrugia. Meta waslu lura fit-triq u cioe Triq Hal-Mula li hija cul de. Sac. Sabu il-karozza ta' Crispin Grima timblokka il-karozza li kienu ser imorru fiha Joshua Ohayon u Charlene Micallef. Kkonferma li wara li daqq il-horn l-ewwel harget Elizabeth Jane Grima u wara hareg Crispin Grima li deher vjolenti u pprova jheddidhom. Stqarr li Crispin kisser it-tieqa tal-karozza li kienu gew biha minhabba tisbit u vjolenza. Ddikjara li hu u l-imputat Ohayon kienu qieghed jiddefendu ruhhom billi bdew izommuh. Kkonferma li kienu huma li cemplu lil-pulizija ghal-assistenza. Stqarr li Crispin Grima kien il-kagun ta' kollox u li hu ma ta' l-ebda daqqiet hlief li ddefenda ruhhu u mbotta lill-Grima.

Stqarr li huwa mad-dar kellu garaxx u kien jipparkja il-vettura tieghu gol-garaxx. L-imputat Zammit qal li haseb li Grima tfixklu ghaliex kien hemm persuna vera thalli xi mutur ipparkjat tostakola parkegg u haseb li kienet ta' l-imputat, u kien ghalhekk li Grima hareg bir-raghwa f'halqu habba l-mutur u aggredixxa persuna zbaljata. Sostna li l-pulizija mal-wasla gharfu lil Crispin Grima ghaliex kien

persuna maghruf tant li offrielhom wkoll xi birer u xorb. Sostna li l-ewwel aggressjoni fizika bdiha Crispin Grima.

**Xehed l-imputat Joshua Moses Ohayon fil-20 ta' Gunju 2017 (a fol. 166)** fejn stqarr li huwa fis-sahna tal-argument ta' daqqa ta' ponn lil Crispin Grima pero sostna li dan gara wara li huwa qala daqqa ta' ponn mill-istess Crispin Grima. Qal wkoll li ma rax lil-Massimo Zammit jaghti daqqiet ta' ponn.

Sostna li Crispin Grima gie jigri bill-ponn u hu, peress li kien quddiem Massimo dejjem qed izommu, qala daqq fuq wiccu u mbaghad tah daqqa lura. Stqarr li hu kull ma ta daqqa ta' ponn wahda u mbaghad infirdu.

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-process.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan hu kaz klassiku li sfortunatament jirrifletti sew il-karattru egoist tal-Malti li jippretendi li jaf hafna, li jaf imexxi u jiddeciedi hu dwar il-parkegg tal-vetturi u min ghandu juza il-parkegg u min m'ghandux; karattru ta' dak il-Malti li jippretendi drittijiet li m'ghandux.

Dan hu l-kaz ta' Crispin Grima kif jirrizulta mill-atti. Iddecieda li jipparkja hazin, ostakola vettura ohra bil-vettura tieghu ghax ippretenda li jista jaghmel hekk – u dan ghaliex il-vettura l-ohra kienet ta' terz li ma joqghodx fl-inhawi. It-tipiku wicc tost tal-Malti fejn tidhol l-arroganza fit-toroq;

M'hemmx dubbju illi li kieku Crispin Grima pparkja sew, dan l-incident ma kienx isehh. Moralment, Crispin Grima ghandu hafna ghal xhiex jirrispondi.

Izda ghall-vjolenza fizika, konsegwenza tal-batti bekki li bdew ghaddejjin bejn il-partijiet, jehlu unikament l-imputati. F'dan il-kaz il-vjolenza minnhom ezercitata fuq l-imputat, la kienet gustifikata u lanqas skuzabbli.

Li gara kien li l-imputati, mifxula u rrabjati minhabba l-arroganza ta' Crispin Grima, tilfu rashom u rritaljaw.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI** din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 217, 218, 221, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u minflok piena qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlu ebda reat fi zmien tmintax-il xahar mill-lum u dana kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi ta' tmintax-il xahar.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur